# ISTITUT TA' FORMAZZJONI PASTORALI

# RAPPORT ANNWALI

# 2006-2007

Is-sena 2006 – 2007 kienet it-tieni sena ta' attivita' minn mindu twaqqaf l-ISTITUT TA' FORMAZZJONI PASTORALI (IFP). L-ewwel sena kienet waħda li fiha rnexxielna npoġġu bażi li permezz tagħha matul din is-sena l-IFP seta' jkompli jaħdem u jkabbar l-proposta tiegħu.

F'dawn l-aħħar tnax-il xahar ġew imwettqa numru ta' proġetti li dwarhom sar ħafna ppjanar matul l-ewwel sena. Li forsi ma jidhirx minn barra huwa l-fatt li din is-sena serviet biex matulha l-IFP seta' mhux biss jippjana proġetti u proposti formattivi, imma wkoll joħloq viżjoni ta' formazzjoni iktar fit-tul.

## MAPPA FORMATTIVA

L-IFP mhuwiex biss maħsub biex ikun xi aġenzija li jorganizza programmi u opportunitajiet formattivi. Għalkemm dan kollu fil-fatt qed isir, l-iskop l-iktar importanti hu li jkun hemm mappa li lil dawn il-korsijiet tagħtihom viżjoni, tgħinhom jilħqu ċerti għanijiet u jiġu applikati ċerti metodi.

Waqt li qegħdin infasslu din il-mappa formattiva, qegħdin fl-istess waqt ukoll inħaddnuha ma' dawk l-aġenziji kollha li magħhom qegħdin nippjanaw programmi formattivi. Kollha kemm aħna qegħdin nindunaw fil-ħtieġa li kemm jista' jkun nimxu 'l quddiem fil-formazzjoni b'viżjoni wiesgħa u sħiħa, b'għanijiet ċari u b'metodi li huma komuni.

## PROĠETTI

Ngħaddu għall-proġetti li bħal dan iż-żmien sena poġġejna quddiemna bħala *targets* u ninfurmaw x'sar dwarhom:

- Saret ħafna preparazzjoni biex għat-tieni sena, jiġifieri 2006, jerġa jiġi offrut s-*Certificate in Youth Ministry*. In-numru ta' studenti li nkitbu għal dan il-kors ma kienx suffiċċjenti biex il-kors seta' jiġi offrut. Nittamaw li din is-sena, 2007, l-istess opportunità li qed terġa' tiġi offruta ssib rispons ikbar.

- Kompliet il-kollaborazzjoni fir-rivista *Pastor* li tieħu forma mhux biss ta' artikli formattivi imma wkoll offerta ta' sussidji f'forma stampata li jilħqu lill-membri tal-Kunsilli Pastorali Parrokkjali.

- 3 *Seminars* ġew offruti lil dawk kollha li huma impenjati fil-ħidma djakonali tal-Knisja f'Malta – CARITAS, Djar ta' l-Anzjani, Djar tat-Tfal, Dar tal-Providenza, u s-Segretarjat Ħidma Soċjali u ta' Karità tal-Knisja. Minn diskussjonijiet bejn l-IFP u l-KULSILL TAL-CARITAS ġie mfassal pjan biex tintlaħaq din it-talba. Fil-fatt għal matul ix-xhur ta' Frar u Marzu u Mejju 2007 ġew offruti 3 *seminars* li kellhom bħala suġġett *Il-Knisja – Esperjenza ta' Qadi u Servizz*.

- Il-proposta sabiex ikun hemm ukoll proġett formattiv għall-*care* u *domestic staff*, minflokk ma ġiet offrut direttament mill-IFP, kull aġenzija ppjanat u offriet hi stess il-formazzjoni fi ħdanha għall-*care* u *domestic staff* tagħha. Nemmnu li dan hu żvilupp interessanti u ta' min jinkoraġġih.

- Fi tmiem it-tieni fażi ta' dawn is-*seminars*, l-IFP se jkompli bil-*follow-up* ta' *seminars* fuq l-istess linji formattivi għas-sena li ġejja. Bħas-sena li għaddiet, il-pjan jitfassal waqt diskussjonijiet bejn l-IFP u rappreżentanza tal-Kunsill tal-CARITAS.

- Il-proġett ta' *Certificate in Christian Leadership*, promoss flimkien mal-FORUM ta' l-Għaqdiet u l-Movimenti tal-Lajċi, seħħ bejn ix-xhur ta' Ottubru 2006 u Mejju 2007. 70 persuna segwew din il-proposta formattiva li kienet fuq bażi ta' 4 *seminars* matul is-sena – 3 *seminars* mhux residenzjali li jittrattaw id-dimensjoni ta' *personal development* u *seminar* residenzjali forma ta' rtir li tratta l-mudell bibliku tal-*leadership*. L-esperjenza kienet milqugħa tajjeb ħafna.

  L-istess kors qed jiġi offrut wkoll din is-sena u qed nittamaw li din id-darba jkun hemm parteċipazzjoni tajba mill-membri tal-Kunsilli Pastorali Parrokkjali (KPP). Ħafna mill-membri tal-KPP talbuna nerġgħu noffru dan il-kors. Ta' min isemmi hawn li huwa l-pjan ta' l-IFP li dan il-kors jkollu żewġ fażijiet oħra – *Advanced Certificate* u *Diploma*. Mill-esperjenza tas-sena l-oħra, nemmnu li din il-proposta qed tilħaq bżonn li ħafna qed iħossu fit-twettiq tal-ħidma tagħhom ministerjali.

- Il-*website* ġiet mnehdija u għalkemm hemm ħafna iktar x'wieħed jista' jiżviluppa permezz ta' din il-*website*, nemmnu li diġa' qed tilħaq l-għan tagħha.

- Flimkien mas-SEGRETARJAT TAL-KLERU għas-sena 2007 tfasslu u saru t-tlett *seminars* għall-kleru fuq bażi distrettwali. Dawn is-*seminars* ittrattaw temi ta' *listening, leadership* u *lectio divina*. Il-parteċipazzjoni kienet tajba u l-*feedback* ta' kull min ħa sehem kienet inkoraġġanti fis-sens li hemm l-għatx biex laqgħat bħal dawn jkomplu jiġu offruti.

- Bejn l-IFP u ċ-*CIS* (*Centre for Ignatian Spirituality*) saru numru ta' laqgħat li permezz tagħhom seta' jingħata bidu għat-tfassil u għat-twettiq ta' kors *part-time* dwar l-ispiritwalita' u d-direzzjoni spiritwali. Dan il-kors beda fil-bidu ta' Settembru 2007 bin-numru ta' parteċipanti jaqbeż dak li kien oriġinarjament maħsub.

- Saru taħdidiet ma' setturi ta' professjonisti bil-għan li jiġu offruti opportunitajiet ta' djalogu li matulhom tiġi iktar mistħarrġa r-ruħ nisranija tal-kultura u l-ħsieb Maltin. Dawn id-*Djalogi fis-Soċjeta'* (li fil-bidu konna semmejniehom *Djalogi fl-Istitut*) fil-fatt saru fix-xahar ta' Mejju 2007. Bħala l-ewwel esperjenza, min-naħa ta' l-IFP flimkien ma' l-*equip* li ppjana dawn il-laqgħat nħass li kienet esperjenza pożittiva li huwa xieraq li nkomplu naħdmu fuqha s-sena li ġejja.

- Matul dawn l-aħħar xhur bdew diskussjonijiet bejn il-Fakultà tat-Teoloġija u l-IFP ħalli jitfasslu korsijiet fis-settur tal-*Pastoral Ministry*, sew f'dak li għandu x'jaqsam mal-familja kif ukoll inkomplu niżviluppaw dak taż-żgħażagħ. Nibqgħu nimmiraw li f'dan is-settur tista' tiġi offruta xi tip ta' proposta formattiva mis-sena akkademika 2008-2009.

- Mix-xahar ta' Novembru 2006 il quddiem saru numru mhux ħażin ta' laqgħat bejn il-Kummissjoni Kateketika u l-IFP biex jiġi offrut kors introdduttiv għall-għarfien iktar sħiħ tat-teoloġija. Ta' min jinnota li fil-fatt matul ix-xahar ta' Awwissu tħabbar il-*Kors Introduttiv għat-Teoloġija* għal kull min jixtieq li jkollu bażi tajba tat-tagħlim nisrani, anke bi ħsieb għal iktar impenn fi ħdan il-Knisja.

  Hija t-tama ta' l-IFP li dan il-kors jilħaq l-istess skop li kien se jkollhom id-diversi *modules* – Bibbja, Liturġija, Katekeżi, Familja, Etika u *Personal Development* – li kellhom servu bħala strumenti siewja għall-formazzjoni ta' persuni pastoralment impenjati.

- Anke din is-sena ġew proposti żewġ *seminars* dwar lill-membri tal-KPP fix-xahar ta' April 2007. Il-parteċipazzjoni kienet qawwija ħafna. Għal iktar approfondiment tal-konferenzi, li ġew mogħtija mill-E.T. Mons. Arċisqof u

minn Dun Rene' Camilleri, it-taħditiet tagħhom kienu offruti fuq il-*website* ta' l-IFP u ġew ippubblikati f'format ta' ktejjeb bħala strument ta' riflessjoni għal matul is-sena li ġejja.

- Matul is-sena saru numru sewwa ta' laqgħat preparatorji min-naħa ta' l-IFP ma' dawk l-i*stakeholders* kollha li huma mpenjati fil-ħidma formattiva ta' animaturi fis-settur taż-żgħażagħ u adolexxenti: jiġifieri SEGRETARJAT KATEKEŻI, CARITAS, KDŻ, SEGRETARJAT TAL-LITURĠIJA. Bi qbil komuni ġie ffurmat *Formation Action Group Adolexxenti u Żgħazagħ* ħalli naħdmu flimkien lejn dik il-viżjoni waħda li offrilna s-Sinodu għaż-żgħażagħ u l-adolexxenti. Fil-fatt f'dawn l-aħħar xhur ġie mħabbar kors *Basic Principles in Youth Ministry* fuq bażi ta' sentejn.
- Proġett li ma kienx mniżżel fil-Pjan Pastorali 2007 – 2008, iżda li dwaru qed isiru preparamaneti huwa frott il-kollaborazzjoni bejn l-IFP u l-Uffiċċju Djoċesan Amministrattiv. Dan il-kors huwa maħsub biex jgħin lill-membri tal-Kunsilli Ekonomiċi Parrokkjali jkunu iktar midħla ta' x'jitlob minnhom dan is-servizz li huma joffru fil-parroċċa.
- L-IFP matu din is-sena ta' l-kontribut tiegħu flimkien mas-SEGRETARJAT TA' L-EDUKAZZJONI għall-kors dwar l-identita' ta' l-iskola Kattolika. Huwa maħsub li matul din is-sena din il-proposta tkun finalizzata biex fi żmien qasir tista' tiġi offruta għall-għalliema prospettivi fl-iskejjel tal-Knisja.

MIRI OĦRA

- Il-kollaborazzjoni iktar mill-qrib mal-KUMMISSJONI AMBJENT fuq proġetti formattivi komuni għadha ma seħħietx kif mixtieq. Ir-rieda qegħda hemm miż-żewġ naħat biex issir proposta f'dan il-kamp. Nittamaw li jkollna iktar enerġija biex nistgħu ukoll naħdmu mal-KUMMISSJONI AMBJENT li diġa' qed jagħti servizz tant apprezzat mill-Knisja u mis-Soċjeta'.
- L-istess jingħad għall-kollaborazzjoni bejn l-IFP u s-SEGRETARJAT TAL-KOMINIKAZZJONI SOĊJALI. Hawnhekk ukoll hija x-xewqa taż-żewġ naħat li fis-snin li ġejjin issir proposta ta' kors dwar l-użu tal-*media*. Esperjenza simili li diġà saret xi snin ilu kienet ferm apprezzata.
- L-IFP jfittex ukoll li jimpenja ruħu għall-kollaborazzjoni iktar mill-qrib ma' diversi aġenziji oħra. Waqt li nagħrfu l-limiti ta' riżorsi eżistenti, bħala IFP nemmu li għad fadal ħafna xi jsir fil-kamp tal-formazzjoni.

## KONKLUŻJONI

Nemmnu li bħala IFP fi żmien sentejn irnexxielna nilħqu ħafna mill-miri li poġġejna quddiemna. L-impenji quddiemna mhumiex ftit u lanqas żgħar. Għad fadal ħafna setturi li fihom s'issa stajna biss noħolmu x'nistgħu nagħmlu.

Li jagħmlilna kuraġġ huwa l-fatt li, b'mod ġenerali, sibna atteġġjament pożittiv u rieda ta' kollaborazzjoni sinċiera. Nsemmu dan il-punt għax spiss nitkellmu dwar kemm tista tkun diffiċli li diversi gruppi jaħdmu flimkien.

Bħala *Board* ta' l-IFP ninnutaw dan l-aspett ta' kollaborazzjoni u ta' apprezzament reċiproku u niżżu ħajr lil dawk kollha li magħhom kellna x-xorti mhux biss noħolmu imma naħdmu u fil-fatt nipproponu mumenti formattivi għall-ġid tal-Knisja ta' Kristu f'Malta.

Dan kollu nsemmuh għax nemmnu li dan huwa pass ferm importanti biex nistgħu naqraw sewwa s-sinjali taż-żminijiet u b'hekk infasslu mixja biex nilqgħu l-isfidi li dawn iġibu magħhom.